

Brussell, 13 ta' April 2026
(OR. en)

8164/26

ENER 177
CLIMA 193
CONSOM 118
TRANS 218
AGRI 267
IND 245
ENV 347
COMPET 421
FORETS 56
DELECT 70

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' April 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2026) 2306 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 biex jintroduċi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art lejn il-miri tal-enerġija rinnovabbli |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2306 final.

Mehmuż: C(2026) 2306 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2026
C(2026) 2306 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 biex jintroduċi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art lejn il-miri tal-enerġija rinnovabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tistabbilixxi limitu speċifiku għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf li għandhom riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) u li għalihom qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni tal-materja prima tagħhom f'art b'ħażna kbira ta' karbonju. Fir-Regolament Delegat (UE) 2019/807, il-Kummissjoni stabbiliet il-kriterji għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna għolja tal-karbonju.

Dan l-att delegat jaġġorna l-metodoloġija kif ukoll id-data għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju u jistabbilixxi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn materja prima li għaliha hija osservata espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju lejn il-miri għall-enerġija rinnovabbli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Peress li huwa ta' natura teknika, dan l-att delegat ma kienx jeħtieġ valutazzjoni tal-impatt jew konsultazzjoni pubblika miftuħa. Dawn normalment ikunu meħtieġa biss għal inizjattivi ewlenin.

Il-Kummissjoni wettqet diversi eżerċizzji ta' konsultazzjoni għall-fini tal-att delegat, inkluż laqgħa tal-grupp ta' esperti dwar il-karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-25 ta' Frar u l-pubblikazzjoni għall-feedback pubbliku fuq il-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar mill-21 ta' Jannar 2026 sat-18 ta' Frar 2026.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-proposta qed issir skont l-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta att delegat li jistabbilixxi l-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC u għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju u biex tissupplimenta dik id-Direttiva billi tinkludi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn materja prima li għaliha hija osservata espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 biex jintroduċi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art lejn il-miri tal-enerġija rinnovabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2), il-ħames subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rieżami tad-data dwar l-espansjoni tal-materja prima wera li kemm ix-xejra tal-espansjoni tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf rilevanti kif ukoll il-fatturi tal-produttività nbidlu. Għalhekk jixraq li tiġi aġġornata d-data dwar l-espansjoni fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 kif ukoll il-fatturi tal-produttività applikati fil-formula stabbilita fl-Artikolu 3. Sabiex jiġi żgurat li d-data dwar l-espansjoni tal-materja prima tkun rappreżentattiva, huwa meħtieġ li l-perjodu li matulu tiġi ddeterminata l-espansjoni ta' kull għalla jkun twil biżżejjed biex jikkontrobilanċja l-fluttwazzjonijiet statistiċi inċidentali fid-data annwali. Għalhekk jixraq li d-data tiġi kkunsidrata mill-2014.
- (2) Il-miżuri ta' addizzjonalità jvarjaw fir-rigward tal-perjodu ta' żmien li jgħaddi sakemm jrendu materja prima addizzjonali. Għalhekk jixraq li jitkejjel il-perjodu tal-eliġibbiltà tagħhom abbażi tal-punt fiż-żmien meta bdiet il-produzzjoni ta' materja prima addizzjonali, minflok il-punt fiż-żmien tal-implimentazzjoni tagħhom.
- (3) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tappella għal limitu speċifiku għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC) u li għalihom qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni tal-materja prima tagħhom f'art b'ħażna kbira ta' karbonju, fuq l-ammont tal-konsum tagħhom f'kull Stat Membru fl-2019. Mill-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li l-kontribut tagħhom jitnaqqas b'mod gradwali sa 0 % sa mhux aktar tard mill-2030.
- (4) Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tistabbilixxi trajettorja għat-tnaqqis tal-kontribut ta' dawk il-karburanti. Din it-trajettorja tistabbilixxi limitu għall-kontribut massimu ta' dawk il-karburanti f'sena partikolari, filwaqt li tiżgura li l-kontribut fl-2030 ikun ta' 0 %. Jixraq li tiġi applikata trajettorja lineari, peress li dan l-approċċ jevita bidliet f'daqqa u jippermetti aġġustament gradwali tas-suq, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura

¹ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

tnaqqis tal-kontribut għal 0 % sal-2030. It-trajettorja jenħtieġ li tibda fl-2024, sena li għaliha l-Istati Membri se jirrapportaw id-data dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli għall-ewwel darba fl-2027, skont ir-Regolament (UE) 2018/1999².

- (5) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 emendat l-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 billi introduċiet, fis-sitt subparagrafu tagħha, obbligu indirizzat lill-Kummissjoni biex tirreżamina regolament il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC u għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju, u biex taġġorna r-Regolament Delegat (UE) 2019/807 fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jevolvu u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli. Għalhekk jixraq li jitħassar l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.
- (6) Il-prattiki agrikoli bħall-kultivazzjoni sekwenzjali u l-kultivazzjoni assoċjata għandhom il-potenzjal li jtejbu l-produttività tal-agrikoltura. Bħala parti mir-rieżami tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/996, li huwa mistenni li jsir sa tmiem l-2026, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk huwiew xieraq li tispeċifika aktar il-qafas ta' ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC fir-rigward tal-kopertura ta' tali Prattiki, filwaqt li tippreserva s-salvagwardji ambjentali. Il-Kummissjoni tista' teżamina aktar l-adegwatezza tal-approċċi reġjonali.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/807 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/807

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/807 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) l-espansjoni annwali medja taż-żona ta' produzzjoni globali tal-materja prima mill-2014 hija oġhla minn 1 % u taffettwa aktar minn 100 000 ettaru.”;
 - (b) fil-punt (b), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

“Il-PF għandu jkun 2,0 għall-qamħirrum, 2,2 għaż-żejt tal-palm, 3,1 għall-pitrava taz-zokkor, 1,9 għall-kannamiela u 1 għall-għelejjel l-oħra kollha.”;
- (2) Fl-Artikolu 5(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-produzzjoni ta' materja prima addizzjonali minħabba l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' addizzjonalità ma bdiex iktar minn 10 snin qabel iċ-

² Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/2023-11-20>).

ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bħala karburanti b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art.”;

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:

“Artikolu 6a

Trajettorja biex jitnaqqas il-kontribut ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art

Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u s-sehem minimu ta' enerġija rinnovabbli u l-mira ta' tnaqqis tal-intensità tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) ta' dik id-Direttiva, is-sehem ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju ma għandux jaqbeż il-perċentwali li ġejjin:

- (a) 85,7 % fl-2024
- (b) 71,4 % fl-2025
- (c) 57,1 % fl-2026
- (d) 42,8 % fl-2027
- (e) 28,6 % fl-2028
- (f) 14,3 % fl-2029
- (g) 0 % fl-2030”;

(4) L-Artikolu 7 jitħassar.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2019/807 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.4.2026

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*